# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 31 ta’ Ottubru 2018**

## Il-Pulizija
## (Supretendent Johann J Fenech)

## vs
## Jean-Claude Mangion

**Kumpilazzjoni Nru: 417/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jean-Claude Mangion detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 245094 (M).

**A.** Akkuzat talli fl-10 ta’ Jannar, 2014 ghall-habta tal-05:00am fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, l-Imqabba:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Clive Brincat;

2. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, u cioe’ mutur bin-numru ta’ registrazzjoni BBI 349, ghad-dannu ta’ Paul Bezzina;

3. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni GAU 018, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, kif ukoll

4. Saq l-istess vettura bil-mutur b'velocita' eccessiva.

**B.** Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin, bhala ufficjal pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li -l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh f'l-10 ta' Jannar 2014 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija l-Mqabbba ghall-habta tal-hamsa ta' fil-ghodu bejn vettura ta' tip Peugeot 206 b'numru ta' registrazzjoni GAU 018 misjuqa mill-imputat (li huwa pulizija) u mutur ta' tip Piaggio b'numru ta' registrazzjoni BBI 349 misjuq minn Clive Brincat. F'dan l-incident, li dwaru inzammet inkjesta, sfortunatament tilef hajtu l-imsemmi Clive Brincat.

Illi l-ufficjal prosekutur xehed[1]. Jispjega li fil-gurnata in ezami, ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta' fil-ghodu, l-imputat cempel l-ghassa taz-Zurrieq biex jinfuramahom li kien ghadu kif kien involut f'incident u li kienu qed jistennew l-ambulanza. Malli sar dan ir-rapport PS1227 Malcolm Pace mar

[1] Depozizzjoni a fol 14 et seq u fol 368 et seq; meta xehed huwa kien ghadu jokkupa l-kariga ta' Spettur..

fuq il-post u informa lill-Ispettur Fenech b'dak li kien gara; is-Supretendent mar hu ukoll fuq il-post u inzammet inkjesta. Meta l-ispettur Fenech ikkonstata fejn kienu weqfin il-vetturi involuti fil-habta u fejn kellhom il-hsarat; fejn kien it-tifrik tal-vetturi u xi oggetti ohra bhal zarbun, mobile phones u l-crash helmet. Peress li l-imputat kien fi stat ta' xokk ittiehed l-isptar u wara, ghall-habta tat-8.30am, sarlu it-test tan-nifs; irrizulta li ma kienx hemm tracci ta' alkohol ghaliex it-test kien jimmarka zero[2]. Mill-investigazzjoni li mexxa x-xhud irrizulta li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet registrata f'isem l-imputat u kienet koperta b'licenzja u polza ta' assikurazzjoni[3]; il-mutur misjuq mill-vittma ma kienx registrat f'isem l-vittma izda f'isem certu Paul Bezzina; il-mutur kien licenzjat u assikurat. Irrizulta ukoll li l-vittma Clive Bezzina ma kienx licenzjat biex isuq mutur[4]. L-ufficjal prosekutur stabilixxa ukoll li dak in-nhar l-imputat kien xoghol u fil-fatt kien first watch cioe jibda xoghol fil-hamsa ta' fil-ghodu. In kontro ezami is-Supretendent Fenech ikkonfemra li meta huwa wasal fuq il-post ta'l-incident kien hemm pulizija ohra fuq il-post u li huwa baqa hemm sakemm kien sar ix-xoghol kollu mill-epserti nominati mill-Magistrat Inkwirenti u tnehhew il-vetturi u d-debris kollu. Huwa kkonferma li skond in-notamenti tieghu, redatti ftit tal-hin wara l-incident, meta mar fuq il-post ta'l-incident il-fanal ta' wara tal-mutur kellu bozza mixghula. Jghid ukoll li meta mar fuq il-post Julia Farrugia Portelli (li ghal xi hin kienet fuq il-post ta' l-incident) ma kenitx hemm[5].

Illi pulizija ohra li marru fuq il-post ta'l-incident fil-kors ta'l-investigazzjoni xehdu ukoll:

- PS1227 Malcolm Pace[6] jghid li fil-gurnata in ezami ghall-habta tal-hamsa u tnax il-minuta l-imputat cempel l-ghassa taz-Zurrieq biex jinfurmahom li kien ghadu kif kien involut f'incident tat-traffiku u li kien hemm persuna li soffriet griehi. Ix-xhud ghalhekk informa lill-control room pero rrizulta li l-control room kienet diga avzata b'l-incident u l-ambulanza kienet fi triqitha. Wara din it-telefonata x-xhud mar fuq il-post ta'l-incident ma' zewg kollegi tieghu: PC 727 u PC 1274; hemm sabu unit ta'l-RIU

---

[2] Dok JF1 a fol 21 .
[3] Dan gie konfermat minn rapprezentant ta' Transpsort Malta, Stephen Cachia; depozizzjoni a fol 43 et seq.
[4] Din l-informazzjoni giet konfermata minn rapprezentant iehor ta' Transport Malta, Karen Cremona li ziedet tghid li l-licenzja ta' sewqan li kellu Clive Brincat (li ma kenitx tkopri sewqan b'mutur) kienet ilha li skadiet mis-17 ta' Dicembru 2012. Ref depozizzjoni a fol 292.
[5] Julia Farrugia tressqet bhala xhud tal-prosekuzzjoni u ghamlet xi allegazzjonijiet fil-konfront ta'l-imputat u l-pulizija in generali.
[6] Depozizzjoni a fol 22 et seq u fol 332 et seq.

komposta minn PC 282 u PC 1506. Ix-xhud jghid li dak il-hin kien hemm hafna nida u t-triq kienet tizloq hafna "*qisha sapun*". Fil-waqt li x-xhud ta deskrizzjoni tax-xena ta' l-incident innota li kien hemm persuna ma'l-art wiccu 'l isfel li ma bediex juri sinjali ta' hajja. Ftit wara li waslu fuq il-post x-xhud u l-kollegi tieghu waslet l-ambulanza; it-tabib iccertifika li l-persuna li kien hemm ma'l-art kienet mejta. Ix-xhud spjega li l-imputat kien fi stat ta' xokk qawwi ghalhekk ma setghax jiehu l-verzjoni tieghu tal-fatti. Huwa spjega ukoll kif giet stabbilita l-identita tal-vittma anke b'l-ghajnuna ta' l-gharusa tieghu certa Sefora Zahra. Ix-xhud ha l-verzjoni ta' tlett persuni li kienu fuq il-post: Dario Camilleri, Jeffrey Hendy u Rokku Camilleri. Mill-informazzjoni li nghatat hemm fuq il-post lix-xhud, Jeffrey Hendy ta l-mobile phone tieghu lill-imputat biex dan ikun jista jcempel ghall-ghajnuna; jidher li saru tlett telefonati lin-numru 119: fil-05.12hrs. fil-05.14hrs, u fil-05.15hrs. Dan ix-xhud esebixxa l-PIRS report relattiv[7].

- PC727 Orazio Scicluna[8] akkompanja lill-PS 1227 Malcolm Pace fuq l-post ta' l-incident u ghalkemm ra il-vetturi koncernati, il-vittma ma'l-art u anke lill-imputat, huwa kellu struzzjonijiet biex jidderigi t-traffiku ghalhekk ma kienx attivament involut f'l-investigazzjoni.

- PC1556 Michael Farrugia[9] mit-taqsima ta'l-RIU spjega li fil-gurnata in ezami kien qieghed patrol Santa Lucija meta, fil-05.14hrs, gew infurmati mill-control room li kien sehh incident u ghalhekk marru hemm; waslu xi sitt minuti wara. Spjega li fil-waqt li l-kollega tieghu hareg mill-vettura u mar fuq il-vittma, hu sq il-vettura sa' Triq il-Barrieri biex jaghlqa it-triq kemm bil-karozza kif ukoll bil-police tape u zamm lin-nies milli jidhlu fejn l-incident. Jghid li wara ftit waslet vettura bil-pulizija tad-distrett u ambulanza. Ix-xhud ma jafx minn cempel ghall-ambulanza. Ikkonferma li meta waslu fuq il-post kien hemm mara ghal irkupptejha hdejn il-vittma; hu spjega ukoll kif kienet ix-xena ta'-incident u zied li kien hemm hafna nida u t-triq "*ma kenitx tajba*" u kienet tizloq hafna. Hu ma tkellem ma hadd mal-persuni li kienu fuq il-post ta' l-incident.

- PC282 Adrian McKay[10] ukoll stazzjonat it-taqsima ta'l-RIU kkonferma li hu u l-kollega kienu qeghdin Santa Lucija meta gew infurmati mill-control room dwar l-incident u li meta waslu fuq il-post ta' l-incident, xi

[7] Dok MP1 a fol 29 et seq.
[8] Depozizzjoni a fol 40 et seq
[9] Depozizzjoni a fol 311 et seq.
[10]Depozizzjoni a fol 318 et seq.

hames/sitt minuti wara, kien hemm mara, li huwa gharaf bhala Julia Farrugia, hdejn il-vittma. Ikkonferma ukoll li huwa kien passiggier fil-vetura tas-servizz u kien hu l-ewwel li hareg mill-vettura. Jghid li malli hareg u avvicina l-vittma Farrugia bdiet tghajjat mieghu ghax damu biex jaslu. Peress li hi kienet hemm qabilhom saqsiha x'kien gara ghax hasbet li forsi setghet rat l-incident isehh. Ix-xhud zied jghid li Farrugia riedet iccaqlaq lill-vittma pero hu qalli li ma jcaqalqux pero prova jhoss il-polz kemm minn ghonqu kif ukoll mill-polz; jghid li hu ma hass xejn. Huwa cempel il-control room biex jghadduh ma' ta l-ambulanza pero mill-control room gie infurmat li l-ambulanza kienet diga issejjhet. Ix-xhud innota pulizija iehor (l-imputat) li kien qed jidderigi t-traffiku, sa dak il-hin ma kien jaf li dak il-pulzija kien involut f'l-incident. Spjega li l-kollega tieghu mar jaghlaq it-triq minn naha u ftit wara gew kollegi tad-distrett u huma ghalqu t-triq min-naha l-ohra; l-ambulanza kienet ghada ma waslitx. Meta waslet l-ambulanza x-xhud mar ikellem lil xi nies li kien hemm fil-vicinanzi pero hadd minnhom ma kien ral-incident isehh

- PC40 Malcolm Cachia[11] ikkonferma li l-imputat huwa kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija.

Illi xehed ukoll Paul Bezzina[12] li kkonferma li ghalkemm il-mutur li kien qed isuq il-vittma kien registrat fuq ismu (cioe isem Bezzina) dan il-mutur tal-vittma.

Illi tressqet bhala xhud ukoll Julia Farrugia Portelli [13]. Hija tispjega li kmieni fil-ghodu fil-gurnata in ezami kienet qed issuq fit-triq fejn sehh l-incident u innotat xi affarijiet fit-triq f'nofs il-karreggjata li kellha taghmel manuvra biex tevitahom; meta regghet dahlet fil-karreggjata taghha rat "*kadavru*" ftit metri 'l fuq, inhasdet u qasmet ghall-karreggjata opposta biex ma tghaffgux[14]; ftit 'l fuq rat pulizija qed jaghmel sinjali biex in-nies ikomplu ghaddejjin. Ix-xhud waqqfet u saqsiet jekk kienx hemm bzonn xi ghajnuna ghaliex hija kienet ghamlet course tal-first aid. Hija marret fuq il-vittma u biswitu kien hemm zewg persuni. Fuq mistoqsija taghha jekk kienx qed jitkellem, dawn iz-zewg persuni qalulha li l-vittma kien ghadu qed jiehu nifs. Ix-xhud misset lill-vittma u deherilha li kien ghadu shun; hija messet il-polz u deherilha li kien hemm polz vera batut. Hi staqsiet lill-pulizija fejn kienet

---

[11] Stazzjonat fit-taqsima tal-Human Resourses tal-Korp tal-Pulizija; depozizzjoni a fol 291.
[12] Depozizzjoni a fol 297 et seq.
[13] Depozizzjoni a fol 302 et seq.
[14] Hija spjegat li kellu "*saqajh man-naha tal-bankina u rasu gejja parallel il-karreggjata minn tulu*".

qeghda l-parti l-ohra u hu qallha li hu kien il-parti l-ohra. Wara dan id-diskors x-xhud cemplet ghall-ambulanza; ix-xhud kompliet izzied li meta cemplet hadd ma qalilha li diga kienu jafu b'l-incident. Ftit wara, tkompli tirrakkonta x-xhud, l-imputat iricieva telefonata u semghetu jghid: *le ma nistax naghmel hekk ghax lahqghet waslet gurnalista*. Ix-xhud qalet ukoll li wara xi ghaxar minuti waslu pulizija ta'l-RIU u kritikathom ghax deherilha li m'ghamlux dak li kellhom jaghmlu biex jirrpeservaw ix-xena kif suppost. Indikatilhom ragel li kien liebes flok abjad u li seta' kien xhud. Hija baqghet hemm sa kemm giet l-ambulanza meta telqet biex tmur ix-xoghol; qabel ma tleqghet hadet ritratti tax-xena. Kienet hi stess li eventwalment cemplet lill-pulizija biex taghti l-verzjoni taghha ta' dak li rat. In kontro-ezami x-xhud tghid li sa kemm kienet fuq il-post hi ma jidhrilx li l-imputat ghamel xi haga li setghet tfixkel l-investigazzjoni. Fit-tieni depozizzjoni taghha[15] hija prezentat ir-ritratt li hadet tax-xena ta' l-incident; dan ir-ritratt haditu fil-05.22hrs sa liema hin kienet ghada ma waslitx l-ambulanza fuq il-post. Fir-ritratt[16] jidher il-persuna imsemmija f'l-ewwel depozizzjoni taghha, u cioe ragel liebes flokk abjad. Ix-xhud qalet li dan ir-ragel telaq 'l hemm meta gew il-pulizija ta'l-RIU ghaliex huma taw struzzjonijiet lil kull min m'ghandux x'jaqsam biex jitlaq 'l hemm. F'din id-depozizzjoni taghha ix-xhud ziedet tghid li dak in-nhar la kienet xita u lanqas kien hemm nida.[17]

It-tlett persuni li l-pulizija kelmu fuq il-post ta'l-incident tressqu ukoll bhala xhieda:

- Rocco Camilleri[18] jghid li huwa joqghod vicin tal-post fejn sehh l-incident u meta qam filghodu ra l-beacon lights tal-pulizija u mar biex jara x'gara pero; hu la kien sema' u lanqas ra xejn qabel.
- Dario Camilleri[19] spjega li kien barra jigri fit-triq li minn hdejn l-SGS taghti ghall-Imqabba, mas-service road; f'xi hin giet karozza mill-genb u sema' break fit-tul. Meta sema' l-break ittawwal fit-triq u ra l-karozza sejra n-naha l-ohra tat-triq mal-hajt u bniedem ma'l-art; hu ma tkellem la max-xufier ta' dik il-karozza u lanqas prova jkellem lill-vittma. Meta dan ix-xhud kien qed jaghti l-verzjoni tieghu lill-pulizija ta prattikament l-istess verzjoni

[15] A fol 324 et seq.
[16] Esebit bhala Dok JF1 a fol 329.
[17] Ghandu jigi rilevat li fit-tieni depozizzjoni tieghu (a fol 332) PS1227 Malcolm Pace spjega li meta huwa wasal fuq il-post Julia Farrugia Portelli kienet diga telqet minn fuq il-post u li hu ma kellimhiex. Ghandu jigi rileavt ukoll li s-Supretendent Fenech fit-tieni depozizzjoni tieghu (a fol 368) spjega liu huwa ha starrija minghand Julia Farrugia Portelli u investiga l-allegazzjonijiet li ghamlet mieghu ukoll, cioe dwar dewmien fir-response time tal-pulizija kif ukoll tan-nuqqas fil-management atx-xena; huwa pero irrizultalu li dawn l-allegazzjonijiet ma kienux fondati.
[18] Depozizzjoni a fol 335 et seq.
[19] Depozizzjoni a fol 338 et seq.

bid-differenza li lill-pulizija qallhom li l-ewwel sema hoss qisu tyre jinfaqa', mbaghad sema' l-break.

- Jeffrey Hendy[20] jghid li hu kien sejjer lejn ix-xoghol u kien hemm persuna fil-venda li qallu biex isuq bil-mod ghax kien hemm incident. Dak il-hin gie pulizija mid-direzzjoni opposta u talbu l-mobile; hu tah il-mobile. Il-pulizija resaq naqra 'l boghod u wara ftit gie lura u tah il-mobile lura. Ix-xhud mbaghad mar jigri l-ghassa[21] pero kienet maghluqa u prova jerga jmur fejn sehh l-incident biex jara hemmx bzonn ghajnuna izda it-triq kienet lahqet inghalqet. Huwa iccekkja il-mobile u ra li l-pulizija, li huwa identifika bhala l-imputat, kien cempel in-numru 112.

Illi l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-PL Buttigieg fil-kors ta'l-inkjesta u anke iddepona quddiem din il-Qorti[22]. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti (meta saret referenza ampja ghal dad-depozizzjoni tieghu fil-kors ta'l-inkjesta) l-imputat jghid li l-gurnata ta' qabel l-incident huwa kien xoghol second watch cioe mis-1.00pm sad-9.30pm; wara x-xoghol mar id-dar, kiel, inhasel u raqad. L-ghada kien xoghol first watch, cioe mill-5.00am sas-1.30pm; qam f'l-4.00am prepara ruhu u telaq ghax-xoghol ghall-habta tal-4.55am. L-imputat spjega li ghalkemm huwa suppost jibda xoghol fil-hamsa, u ghalkemm dak iz-zmien kien stazzjonat l-ghassa tax-Xghajra, u l-ewwel irid jirrapporta l-ghassa ta' Bormla, qabel ma jkompli sejjer l-ghassa tax-Xghajra. L-imputat kompla jispjega li minhabba n-nida l-karrozza halliha idling ghal ftit sa kemm ticcara l-windscreen; jghid li l-art kienet imxarrba bin-nida u l-vizibilita ma kenitx tajba.  Jispjega li kien ghaddej b'velocita "normali" ghalih u cioe ta' bejn sittin u hamsa u sittin kilometru fis-siegha fil-waqt li kien qed juza' l-fifth gear; jghid ukoll li meta kien qed isuq il-winscreen kienet ghada bin-nida[23]. Kif wasal f'l-inkrocju tat-triq il-Barrieri sema' hoss li kien l-impatt mal-mutur. L-imputat jghid li qabel l-impatt il-mutur ma rahx ghalhekk huwa assuma li hareg minn Triq il-Barrieri minghjar dawl. Jghid ukoll li wara l-impatt huwa ghafas il-break u l-istint tah li jisswervja lejn il-lemin u waqqaf il-karozza. Meta waqaf hareg mill-karozza nnota d-debris ma'l-art u l-mutur bla dawl, u l-gisem ta' ragel ma'l-art; mar hdejh u kien qed iharhar, prova jkellmu izda ma rrispondihx. L-imputat ma sabx il-mobile tieghu ghalhekk waqqaf karozza li kienet ghaddejja biex talab lix-xufier ghal mobile. Cempel 119 u talab biex jghadduh ma'l-ghassa taz-Zurrieq; min irrispondih l-ewwel saqsih x'kien

[20] Depozizzjoni a fol 344 et seq.
[21] Ma jghidx liema ghassa.
[22] A fol 189 et seq u fol 385 et seq rispettivament.
[23] Dan jghidu fi-depozizzjoni fil-kors ta'l-inkjetsa.

gara u fil-waqt li qallu li kien ser icempel ghall-ambuilanza huwa stess, wara ghaddih ma'l-ghassa taz-Zurrieq. L-imputat informa l-ghassa taz-Zurrieq x'kien gara u wara rega cempel 119 u talab li jqabbduh ma' ta l-ambulanza imma infurmawh li diga kienu cemplulhom; l-imputat talab ukoll li jqqbbduh ma'l-ghassa ta' Bormla biex jinforma lilhom ukoll b'dak li gara. L-imputat jghid li flimkien mal-persuna li kien waqqaf biex jistaqsi ghal mobile phone kellu passiggier mieghu; sa kemm l-imputat kien qed jaghmel it-telefonati dan (il-passiggier) hareg mill-vettura mar fuq il-vittma u fil-waqt li qal lill-imputat li x'aktarx kien mejjet, rega' mar fil-karozza u saqu minn fuq il-post. Meta dawn telqu l-imputat mar hdejn il-vettura tieghu u baqa' hemm jistenna sa kemm tigi l-ambulanza u l-kollegi tieghu. Sa kemm kien qed jistenna ghaddew erba' vetturi, tlieta minnhom baqghu ghaddejjin u r-raba wahda waqqfet u s-sewwieq, li kienet Julia Farrugia Portelli, harget mill-vettura. L-imputat saqsieha kenitx nurse jew tabib pero hi baqghet sejra fuq il-vittma u qaltlu li kien mejjet; dak il-hin l-imputat qabdu paniku u mar hdejn ic-cint ghax ma felahx joqghod fuq saqajh. Hu sema' lil Farrugia iccempel lill-ambulanza u lill-pulizija u qallha li diga kien cempel hu; wara ftit minuti waslet il-karozza tal-pulizija ta'l-RIU u sa dak il-hin Farrugia kienet ghada hemm tant li Farrugia tkellmet maghhom. L-imputat jichad li hu qal il-kliem: "*ma nistax naghmel hekk ghax waslet gurnalista*" fil-kors ta' xi telefonati. L-imputat inghata struzzjonijiet biex jidhol fil-karozza tal-kollegi sa kemm huma komplew b'xogholhom fuq il-post ta' l-incident. Ftit wara ta'l-RIU waslet l-ambulanza u ankw s-supretendent Fenech. Eventwalment l-imputat ittiehed l-isptar u wara l-ghassa ta'l-Msida fejn sarlu t-test tan-nifs. In kontro-ezami l-imputat zied jghid li t-triq kienet imxarrba u tizloq, u l-vizibilta ma kenitx tajba minhabba c-cpar. Ikkonferma li hu ma ra lil hadd hiereg mit-triq sekondarja u lanqas ra dawl ta' vetturi ohra. Insista li ghalkemm kien qieghed tard ghax-xoghol ma kienx mghaggel ghax fil-fehma tieghu ma kienx jimporta li jasal tard ghax-xoghol. Jghid li l-vettura tieghu kellha d-dwal mixghulin normali u mhux bright.

Illi tressqu xi xhiedha u provi in difeza.

Illi Andrew Kelly[24] li kien surgent fil-korp tal-pulizija u fiz-zmien ta'l-incident kien stazzjonat l-ghassa ta' Bormla. Hu jghid li minkejja l-hinijiet li suppost jibdew is-shifts, u la darba jkun dahal l-orderly fil-hin biex jiehu handover, huwa ma kienx jaghti wisq kaz ta' x'hin jidhlu xoghol is-

[24] Depozizzjoni a fol 408 et seq.

subalterni tieghu. Wara li sar jaf b'l-incident x-xhud mar fuq il-post u qaghad josserva ix-xena.

Illi gie prezentat ukoll il-file mediku tal-vittma li jaghti d-dettalji tar-rikoveri li kellu tul is-snin f'l-isptar.

Illi kif diga ntqal dwar dan l-incident inzammet inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta'liema gew inkarigati diversi esperti:

- PS239 Joseph Caruana u PC813 Clinton Vella li fir-rapport taghhom taw deskrizzjoni ta' dak li sabu fil-post ta' l-incident u annettew mieghu faxxikolu fotografiku[25].

- Marjoe Zammit, espert mekkaniku, wara li ghamel diversi kostatazzjonijiet, ikkonkluda lil-vettura Peugoet misjuqa mill-imputat kellha "*daqqa soda u hsarat estensivi fuq il-parti frontali taghha*." Il-mutur min-nahal-ohra kellu "*daqqa soda u hsarat estensivi fuq in-naha tax-xellug tieghu*". Huwa seta jiddikjara li fil-hin ta'l-incident, li sehh fil-karreggjata tax-xellug fit-triq li mill-Qrendi taghti ghal Hal-Luqa, it-triq kienet imxarrba bin-nida qawwija li nizlet matul il-lejl. Dan l-espert ikkonkluda li l-vetturi involuti ma kellhomx xi hsara jew difett minn qabel l-incident u li seta' wassal jew ikkontribwixxa ghall-incident. Huwa ikkonkluda ukoll li l-mutur li qabel l-incident kellu valur kien jiswa' tmien mitt Euro (€800) bhala rizultat tal-hsarat li garrab f'l-incident ma jistax jintuza u ghandu biss wreck value ta' mitt Euro (€100). Il-vettura misjuqa mill-imputat ghalkemm garrbet hsarat estensivi tista' tissewwa u tintuza; il-hsara giet stamat li tlahhaq elfejn Euro (€2,000).[26]

- Il-perit Richard Aquilina hejja siteplan u pjanta tal-post  fejn instabu il-vittma, il-vetturi u kull haga ohra li setghet kienet relevanti ghall-kaz.[27]

- Il-patologi, il-professur Camilleri Podesta u Dr Salfraz Ali, wara li ghamlu diversi kostatazzjonijiet ikkonkludew li Clive Brincat miet kawza ta' "*fractured skull and intracranial haemorrhage*".[28]

- It-tabib forensiku Dr Mario Scerri, wara diversi kostatazzjonijiet, ikkonkluda li Clive Brincat li miet fuq il-post ta'l-incident tilef hafna demm,

[25] Dok JC1 a fol 62 et seq.
[26] Ref rapport Dok MZ1 afol 124 et seq.
[27] Ref rapport DokRA1 a fol 159 et seq
[28] Ref rapport Dok MTC1 a fol 227 et seq.

kellu lezjonijiet li kienu kompatibbli ma'impatt vjolenti, u li l-kawza tal-mewt hija certament relatat ma'l-incident de quo.[29]

- L-espert tat-traffiku l-PL Mario Buttgieg, wara li ghamel diversi kostatzzjonijiet fuq il-post, ha d-depozizzjzoni ta' Sephora Zahra, Jeffrey Hendy, Rocco Camilleri u Dario Camilleri kif ukoll d-depozizzjoni ta'l-imputat.

Illi quddiem il-PL Mario Buttigieg, Rocco Camilleri ta ezattament l-istess verzjoni li ta lill-pulizija u u li ta quddiem din il-Qorti. Jeffrey Hendy ta'l-istess verzjoni ukoll b'l-eccezzjoni ta dettal wiehed fis-sens li quddiem l-PL Buttigieg Hendy qal li l-persuna li talbietu l-mobile kien persuna ta-sess maskili avvanzat fi zmien[30]. Dario Camilleri da parti tieghu ta aktar dettalji fid-depozizzjoni quddiem l-PL Buttigieg[31]; huwa jghid li ra l-vettura ta'l-imputat ghaddejja b'velocita eccessiva u wara sema bhal spluzzjoni ta' tyre u hekk kif ittawwal ral-vettura sejra fuq in-naha l-ohra tal-lemin. Mad-daqqa sema' r-roti jigu llokkjati u ra l-issewwieq, li kien pulizija, jaghti fuq rasu u jmur jigri hdejh[32]. Dak il-hin ghaddiet karozza ohra u l-pulizija talab lis-sewwieq ta' din il-karozza il-mobile. Da parti taghha Sephora Zahra spjegat li fil-lejl ta' qabel l-incident Clive Brincat kien raqad ghandha u telaq ghall-habt tal-hamsa ta' fil-ghodu. Meta telaq mid-dar kien b'sahhtu u ma kienx qed ihossu hazin. Tghid ukoll li hu mar ghandha bir-rigel u ma tafx fejn kien ipparkjat il-mutur[33].

Ill ghandu jinghad li fil-kors ta'l-injesta giet nominata ukoll Dr Marisa Casasar bhala espert tad-DNA; hija kellha l-inkarigu li tezamina kampjuni ta' materjal suspettat li kien regettar u li instab fuq ix-xena ta'l-incident. Mir-rapport taghha[34] jirrizulta li minn dawn il-kampjuni ma hareg l-ebda profil genetiku.

Illi mir-rapporti ta'l-esperti fuq imsemmija jirrizultaw diversi fatti:

- Ma rrizultax jekk il-vittma kien liebes il-helmet jew le pero jekk fil-fatt kien liebes l-hemet fil-hin ta' l-impatt din zgur ma kenitx maqfula u taret ma'l-impatt.

---

[29] Ref rapport Dok MS1 a fol 236 et seq.
[30] Depozizzjoni a fol 191.
[31] A fol 192.
[32] Prezumibbilment hdejn il-vittma.
[33] Depozizzjoni a fol 190.
[34] Dok MC1 a fol 233 et seq.

- Il-hsarat riskontrati fil-vettturi koncernati juru li fil-mument ta' l-impatt l-karozza misjuqa mill-imputat u l-mutur misjuq mill-vittma kienu qed jinstaqu wiehed wara l-iehor, f'l-istess direzzjoni, bil-mutur quddiem u l-karozza wara.
- Ma'l-impatt il-vittma tar minn fuq il-mutur habat mal-winscreen tal-karrozza misjuqa mill-imputat, imbezaq u baqa jitgerbeb fit-triq sa kemm spicca madwar sittin metru 'l boghod mill-punt ta'l-impatt.
- Il-vettura misjuqa mill-imputat halliet break marks twal hafna: skond il-pjanta redatta mil-perit Richard Aquilina 39 metru, skond l-espert PL Mario Buttigieg 45 metru.
- Wara l-impatt l-mutur baqa miexi/jitkaxkar ghal distanza konsiderevoli: instab madwar mitt metru 'l boghod mill-punt ta' l-impatt.
- Ma jidhirx li l-vittma kien liebes refelctive clothing jew almenu reflective strips fuq hwejjgu, li kienu qalziet u gakketta suwed.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li hemm diversi inkonsistenzi fil-verzjonijiet mghotija mill-varji persuni li tressqu bhala xhieda; per ezempju: kemm kien hemm nies fil-vettura li waqqaf l-imputat biex jissellef mobile phone, u x'ghamlu dawn iz-zewg persuni; minn kien hemm prezenti fil-hin ta'l-incident; jekk it-telefonati mill-imputat sarux lin-numru 112 jew 119; min kien l-ewwel biex cempel ghall-ambulanza u x'diskors seta' sar mill-imputat fil-prezenza ta' Julia Farrugia.

Illi fil-verita dawn l-inkonsistenzi m'humiex ta' xkiel ghall-Qorti ghaliex jirreferu primarjament ghal dak li gara wara l-incident u jikkoncernaw dettalji li ftit li xejn ghandhom relevanza dwar r-responsabbilita ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi ghandu jinghad ukoll li minbarra l-imputat ma tressaq l-ebda xhud okkulari iehor biex jiddeskrivi kif sehh l-impatt; u huwa dan li huwa verament determinanti ghall-ezitu ta' dawn il-proceduri. Jigi rilevat ukoll pero li minkejja l-inkonsistenzi imsemmija f'xi partijiet tal-provi u minkejja n-nuqqas ta' xhieda okkulari, mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti, mill-provi forensici u mill-provi indizjarji l-Qorti tista' tasal ghal diversi konkluzzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva fil-hin ta'l-incident.

Illi kif diga ntqal l-imputat jallega li huwa kien qed isuq b'xi sittin jew hamsa u sittin kilometru fis-siegha fil-hin ta'l-incident. L-epsert tekniku ma stabbilix l-velocita li kien qed isuq biha l-imputat pero dan jista' jigi stabbilit approssimattivament mill-break marks li halliet il-vettura tieghu.

Illi skond il-pjanta redatta mill-Perit Aquilina l-break marks huma ta' disgha u tlettin (39) metru; l-PL Buttigieg jghid li l-break marks huma ta' hamsa u erbghin (45) metru. Minhabba dan il-kunflitt u b'applikazzjoni tal-principju *in dubbio pro reo* l-Qorti ser tassumi li l-break marks kienu ta' disgha u tlettin metru. Skond il-Highway Code breakmarks ta' din id-distanza jindikaw velocita ta sitta u disghin (96) kilometru fis-siegha.

Illi fit-triq fejn sehh l-incident il-massimu tal-velocita huwa tmenin (80) kilometru fis-siegha. Ghalhekk jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva.

Illi pero din ir-raba'  imputazzjoni hija wahda kontravvenzjonali bazata fuq ir-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (SL65.11).

Illi ai termini ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fil-kaz ta' kontravenzjonijiet taqa' bi preskrizzjoni mad-dekors ta' tlett xhur.

Illi l-incident in ezami sehh f'l-10 ta' Jannar 2014; ic-citazzjoni permezz ta' liema nbdew il-proceduri odjerni giet prezentata fit-12 ta' Mejju 2015 u ghalhekk wara d-dekors tat-tlett xhur fuq imsemmija. Ghalkemm mill-atti ma tirrizultax id-data preciza meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni promotorja m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li n-notifika necessarjament saret wara  t-12 ta' Mejju 2015 u konsegwentement wara t-tlett xhur predisposti f'l-artikolu 688(f) fuq imsemmi.

Illi ghalhekk l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-raba imputazzjoni hija estinta bi preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz, reat ravvizat f'l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[35]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie

[35] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi mill-Highway Code johorgu diversi regoli li ghandhom jiggwidaw is-sewwieqa ta' vetturi:

> *Adapt your driving to the appropriate type and condition of road you are on. In particular ....... do not treat speed limits as a target. It is often not appropriate or safe to drive at the maximum speed limit.*[36]

L-istess Highway Code jistabilixxi ukoll li:

> *Driving at speeds too fast for the road and traffic conditions can be dangerous.* ***You should always reduce your speed when****:*
> - *the road layout or condition presents hazard...*
> - ***sharing the road with*** *pedestrians and cyclists, particularly children, and* ***motorcyclists****.*
> - ***driving at night as it is harder to see other road users****.*[37]

Illi dwar speed limits il-Highway Code mbaghad jistabilixxi li:

> *These are absolute maximum speeds, but* ***there are numerous situations where prudence demands a lower speed in view*** *of road surface and configuration,* ***weather conditions****, traffic density and presence of pedestrians or other hazards.*[38]

Illi konformi ma dawn ir-regoli, il-gurisprudenza taghna hija kostanti u gie ribadiet diversi drabi dwar fatturi ambjentali fit-tema ta' limiti ta' velocita li:

---

[36] Ir-regola 220.
[37] Regola 274. Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[38] Regola 273. Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

*speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[39].

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' almenu sitta u disghin (96) kilometru fis-siegha u ghalhekk b'velocita aktar minn dik regolamentari.[40]

Illi l-imputat kien qed isuq kmieni filghodu meta kien ghadu ic-cpar, kellu l-windscreen ghadu bin-nida, u dan fi triq li kienet tizloq minhabba n-nida. Fil-verita li t-triq kienet tizloq jghiduh hux biss il-pulizija li kienu fuq il-post u l-esperti nominati imma anke l-imputat[41]; uhud mill-pulizija sahansitra iddeskrivewha "*bhas-sapun*" biex jemfasizzaw kemm kienet tizloq it-triq u kemm kien hemm nida.

Illi l-imputat jilmenta ukoll dwar id-dawl li kien fit-triq; ghalkemm jaqbel li fit-triq hemm arbli tad-dawl jghid li minhabba li t-triq hija wiesgha u minhabba c-cpar u l-hin tal-gurnata  l-vizibilita ma kenitx tajba.

Illi dawn il-fatturi ambjentali kienu jiddettaw prudenza magguri b'sewqan li certament ma kellux jeccedi dawk regolamentari; il-Qorti tazzarda tghid li f'dawk ic-cirkostanzi, u b'applikazzjoni tal-principji u regoli fuq imsemmija, sewqan prudenti kellu jkun ferm anqas minn dak regolamentari.

Illi sewqan prudenti jirrikjedi ukoll li s-sewwieq izomm 'l hekk imsejjha proper look out. Fil-gurisprudenza taghna huwa ben stabbilit li:

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout… Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening*

[39] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

[40] Ghalkemm it-tielet imputazzjoni hija preskritta ma jfissirx li l-fatt li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva u aktar minn dik regolamentari ma jistghax ikun il-bazi ta' imputazzjonijiet ohra migjuba kontra l-imputat.

[41] L-unika persuna li tghid li t-triq kienet nixfa kienet Julia Farrugia Portelli.

> *in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[42]

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-imputat f'l-ebda hin ma ra l-mutur u kien biss ma'l-impatt li rrealizza li kien hemm xi haga fit-triq.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li fil-hin ta'l-impatt il-mutur u l-karrozza ta'l-imputat kienu qed jinstaqu wara xulxin bil-mutur quddiem u l-karozza wara; dan jidher kjarament mid-dinamika ta'l-incident kif tirrizzulta mill-provi u mill-hsara riskontrata fiz-zewg vetturi. Mill-hsara fil-vettura ta'l-imputat jidher ukoll li d-daqqa lill-mutur inghatat bin-nofs tal-quddiem tal-vettura. Fil-fatt il-Qorti tista' tikkonkludi li fil-mument ta'l-impatt kemm il-mutur kif ukoll il-vettura ta'l-imputat kienu qed jinstaqu ghad-dritt fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dan ghaliex jirrizulta, mhux biss mir-ritratti imma aktar u aktar mill-pjanta redatta mill-perit Aquilina, li l-impatt ma sehhx f'l-inkrocju ma Triq il-Barrieri imma aktar 'l fuq fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija; skond il-pjanta imsemmija fil-fatt l-impatt sehh madwar tlettax (13) il-metru 'l fuq mill-inkrocju.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghanda tirreferri ghall-allegazzjoni ta'l-imputat li l-mutur misjuq minn Clive Brincat hareg minn triq sekondarja: Triq il-Barrieri, u li aktar minn hekk ma kellux d-dawl mixghulin.

Illi kif diga ntqal xhieda okkulari ma kienx hemm u huwa l-imputat biss li jista jixhed dwar dak li gara biex sehh l-impatt. L-imputat pero l-mutur ma rah f'l-ebda hin ghalhekk ma jistax jghid minn fejn kien gej. Li hu cert hu li l-impatt sehh tlettax il-metru 'l fuq mill-inkrocju ghalhekk anke jekk verament Clive Brincat ma kienx qed isuq f'Triq il-Konvoj ta' Santa Marija minn qabel dak l-inkrocju imma hareg minn Triq il-Barrieri, huwa lahaq dritta sew u saq  bicca mhux hazin ghad-dritt qabel ma sehh l-impatt.

---

[42] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004.

Illi dwar id-dawl tal-mutur, kif ntqal l-imputat qed jallega li dan kien mitfi. In sostenn ta' din l-allegazzjoni huwa jaghmel referenza ghal xi ritratti mehuda minn PS239 Joseph Caruana[43], li juru li l-mutur bid-dawl mitfi; dawn ir-ritratti naturalment ittiehdu meta kien lahaq ghadda ftit hin mhux hazin mill-hin ta' l-incident. Fid-depozijoni tieghu pero s-Supretendent Fenech insista ghal diversi drabi li meta huwa wasal fuq il-post nnota li l-mutur kellu d-dawl ta' wara mixghul. Ghandu jigi rilevat li f'l-atti hemm ritratti ohra tal-mutur minbarra dawk mehuda minn PS239, u cioe dawk mehuda mill-PL Buttigieg. Minn dawn ir-ritratti hemm tnejn: dawk li jidhru a folio 194 u 195 tal-process, li juru bozza (dik ta' wara) mixghula.

Illi fil-verita anke kieku l-Qorti kellha taccetta l-allegazzjoni li l-mutur kien qed jinstaq minghajr dawl, fil-verita dan il-fatt ma jbiddel xejn mill-fatt l-iehor li l-imputat saq almenu tlettax il-metru wara mutur u ma ndunax bih u lanqas ma ra l-bozza l-hamra ta' wara tal-mutur tirrifletti fid-dawl li kien gej mill-vettura tieghu[44].

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat naqas li jara dak li ragonevolment kellu jara. Fil-fatt jista' jinghad li l-imputat ma kellux *awareness of what was happening in his immediate vicinity*, partikolarment quddiemu, u lanqas kellu *a view of the whole road*, u li ghalhekk ma kienx qed izomm dik il-proper look out mistennija minn sewwieq diligenti.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata dan is-sewqan ta'l-imputat mhux biss jiddipartixxi minn, u ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza imma b'dak is-sewqan l-imputat kien indifferenti ghar-riskji riskji ta' hsara li s-sewqan tieghu seta'ikkawza lil terzi. Aktar minn hekk l-imputat effettivament *kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom* u permezz tas-sewqan tieghu kien qieghed jaghlaq ghajnejh ghall-perikolu li kien qed johloq.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija sodsfatta li t-tielet imputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

---

[43] Ref rapport Dok JC1; referenza partikolari saret ghar-ritratti a fol 104 u 106.
[44] Fatt ammess minnu in kontro-ezami.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'l-omicidju involontarju ta' Clive Brincat u li nvolontarjament ikkawza hsara fil-mutur misjuq minn Clive Brincet u registrat f'isem Paul Bezzina.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[45].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

> *Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

[45] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta'*

*osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*.... Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[46]

Illi f'sentenza ohra taghha[47], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[48] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

[46] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[47] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg deciza 31.07.1998.
[48] Op cit.

> *Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*
>
> *Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

> *Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami

biex issussistu l-ewwel zewg imputazzjonijiet irid jigi pruvat kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputat u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta ta'l-imputat u l-mewt ta' Clive Brincat u l-hsara riskontrata fil-mutur registrat f'isem Paul Bezzina.

Illi dwar ir-responsabbilta ta' sewwieq meta jonqos li jzomm proper look out il-Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li:

> *... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[49]

Illi dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri[50]. Hemm dik il-Qorti kwotat diversi awturi u anke gurisprudenza:

> *In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
> *1. la volontarieta dell'atto;*
> *2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
> *3. la possibilita di prevedere.*
>
> *Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*
>
> *Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1°*

[49] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[50] Deciza 28.02.2018.

*volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:*
*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*
*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*
*1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
*2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
*3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
*4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.*

Illi l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva u naqas li jzomm proper look out. Ta' min wiehed jissottolinea li l-impatt bejn il-karozza u l-mutur kien wiehed vjolenti hafna  kif jidher mill-hsara fil-vetturi rispettivi u anke mid-distanzi twal bejn il-punt ta'l-impatt u il-punt fejn spiccaw kemm il-vittma kif ukoll il-mutur. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat naqas li josserva regoli imposti fuqu u aktar minn hekk ghalaq ghajnejh ghal l-perikoli li s-sewqan tieghu halaq u ghall-konsegwenzi li certament kienu prevedibbli. Fil-fatt ft-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata *l-event dannuz* certament *seta' jigi evitat  bl-ezercizzju ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq*. Ghal kull buon fini jinghad ukoll li anke kieku l-impatt ma setghax jigi evitat mill-imputat[51] kieku kien qed isuq b'velocita regolamentari u kieku zamm proper look out l-*event dannuz* (cioe l-impatt) *ma kienx issehh f'dak il-grad li effettivement sehh.*

Illi f'dan l-istadju ta' min wiehed ifakkar li fil-hin ta' l-incident Brincat kien qed isuq mutur meta ma kellux licenzja tas-sewqan imgedda, licenzja li ma kenitx tkopri sewqan ta' muturi. Huwa kien qed isuq mutur meta kien ghadu ma sebahx u ma kienx lebes reflective clothing. Aktar minn hekk jirrizulta li jekk kien liebes helmet din ma kenitx maqfula. Dan l-agir jiddipartixxi minn dak li jipprovdi l-Highway Code dwar sewqan ta' muturi; il-Highway Code fil-fatt jipprovdi li:

*On all journeys no matter how short, the rider and pillion passenger on a motorcycle, scooter or moped MUST wear a*

[51] Fatt li din il-Qorti qed  tikkonsidra purament ipotetikament ghaliex hija konvinta li l-agir ta'l-imputat kien l-kawza prossima ta'l-incident.

*protective helmet. Helmets must comply with the Regulations and they must be fastened securely*.[52]

U dwar sewqan fid-dlam jipprovdi:

*Wear reflective clothing or strips to improve your chances of being seen in the dark. These reflect light from the headlamps of other vehicles making you more visible from a long distance*[53]

Illi ghalhekk Brincat certament naqas hu ukoll milli josserva diversi regoli tat-traffiku u regoli detti mill-prudenza. Dawn in-nuqqasijiet, ghalkemm setghu kellhom effett fuq l-ezitu[54] pero ma kienux il-kawza prossima ta'l-incident. Fil-fatt ma jnaqqsu xejn mill-agir u responsabbilta ta'l-imputat li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu.

Illi tenut kont tas-suespost fil-fehma tal-Qorti l-incident mertu ta' dawn il-proceduri huwa ruizultat ta' l-att volontarju ta'l-imputat (n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli u ta' proper look out) u n-nuqqas ta' previzjoni ta'l-effetti dannuzi ta' dan in-nuqqas, liema effetti dannuzi kienu prevedibbli b'diligenza ragonevoli. Konsegwentement l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizulta sodisfacjentement pruvati ukoll. Naturalment n-negligenza ta' Brincat rizultanti mill-fatt li huwa ma qafilx il-helmet ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' piena.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ossia aggravju ravvizat f'l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi jirrizulta ampjament li l-imputat kien u ghadu membru tal-Korp tal-Pulizija ghalhekk certament din id-dispozizzjoni tapplika fil-kaz in ezami.

Ikkunsidrat

---

[52] Ir-regola numru 70
[53] Ir-regola numru 73.
[54] B'mod partikolari issir referenza ghall-fatt li ma qafilx il-helmet.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju ir-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati gravissimi u li kellhom l-aghar konsegwenzi immaginabbli: it-telf ta'hajja umana. Min-naha l-ohra fattur altrettant importanti huwa n-negligenza kontributorja tal-vittma meta ghazel li ma jaqfilx il-helmet. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali netta ta'l-imputat kif ukoll l-effett li halla fuq l-imputat dan l-incident. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tal-fehma li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva; hija ghandha pero tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat[55] ghal perjodu li jirriflettu l-gravita tar-reati.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tiddkjara r-raba imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu 141, 225 u 328 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin u tiskwalifikah minn kull licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta'tlett elef mija tmienja u erbghin Euro u tmienja u tlettin centezmu (€3,148.38) rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta'esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[55] Is-sospensjoni hija tassattiva.